MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1272/2003

**Middle Sea Insurance Plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Tania Scalpello**

**Vs**

**Remy Said**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm512.14c (hames mija u tnax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku li sehh fi Mriehel ByPass, Qormi, nhar il-11 ta’ Settembru, 2001 meta sehhet kollizjoni bejn il-vettura WIN 610 misjuqa mill-konvenut u l-vettura TAN 252 misjuqa minn Tania Scalpello.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm512.14c (hames mija u tnax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------